V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9659 — Telia Company/CapMan AIFM/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 57/06)

1. Fil-11 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Telia Company AB ("Telia Company", l-Isvezja),

— CapMan AIFM Oy ("CapMan AIFM", il-Finlandja), li tappartjeni għall-grupp CapMan,

— il-Joint Venture ("JV", il-Finlandja).

Telia Company u CapMan AIFM jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (il-joint venture).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Telia Company: il-provvista ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet tal-mobile u fissi, u servizzi ta' broadband u tat-televiżjoni fid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Litwanja, in-Norveġja u l-Isvezja, kif ukoll il-provvista ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet bil-mobile fil-Latvja u aċċess għan-network kollu (servizzi ta' carriers) mad-dinja kollha,

— CapMan AIFM: il-ġestjoni tal-fond ta' investiment CapMan Nordic Infrastructure SCSP,

— il-JV: il-provvista ta' aċċess għall-internet fiss fil-livell bl-ingrossa, jiġifieri l-bini, is-sjieda, it-tħaddim u l-manutenzjoni networks lokali ta' fibre-to-the-home ("FTTH") passivi għal unitajiet ta' residenza singola (single dwelling units, "SDUs") fil-Finlandja, u ċerti assi ta' fiber-to-the-building ("FTTB") passivi limitati għal unitajiet ta' multi-residenza (multi dwelling units, "MDUs") fil-Finlandja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9659 — Telia Company/CapMan AIFM/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz ta-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË